# IL-KNISJA TA' KRISTU HI DISTINTA

**George Ebejer**

Meta wieħed jaħseb ftit dwar il-ħafna knejjes differenti li hawn fid-dinja (madwar 800 knisja jew reliġjon differenti fid-dinja) ma jistax ma jgħidx : "Dan hu l-iskop li għalih Ġesù miet?" Le, dan hu direttament kuntrarju għat-talba ta' Ġesù għal l-għaqda, uniformita' (Ġwanni 17:20-21). L-appostlu Pawlu kkundanna xiżma bħal din bħala li hija ħażina (1 Korintin 1:10). F'Efesin 4:1-6 aħna għandna sejħa divina għal l-għaqda kif jixtieq l-Ispirtu s-Santu. Hu mfisser li l-Mulej tagħna wiegħed li jibni mhux ħlief ġisem spiritwali wieħed, il-knisja Tiegħu jew organiżmu (Mattew 16:18). Fl-ewwel seklu Pawlu, Pietru, Ġakbu, Ġwanni, Filippu, Stiefnu, u oħrajn kollha kienu membri ta' l-istess knisja—il-knisja li Kristu kiseb permezz tad-demm prezzjuż Tiegħu (Atti 20:28). Din kienet distinta u unika dak iż-żmien; il-knisja tal-Mulej hija l-istess anke llum.

Ma hemmx mertu li ma tkunx bħal dik ta' l-ewwel seklu għar-raġuni li kienet stramba. Iżda l-knisja ta' Kristu hi distinta għaliex hija timxi wara l-Bibbja **biss** bħala l-unika gwida tagħha. Dan jagħmel l-organizzazzjoni, dottrina, qima, u l-ħajja tal-knisja unika fost it-taħwid tal-konfużjoni reliġjuża.

Ladarba l-knisja hi msemmija għal aktar minn 150 darba fit-Testment il-Ġdid, fis-smewwiet hemm interess għall-ħajja fir-reliġjon ta' Kristu. Aħna naqraw, f'Efesin kapitlu ħamsa, li l-knisja hi suġġetta għal Kristu—mhux għall-papa, xi sindodu, xi president, jew xi ktieb tal-katekiżmu (kredu), jew xi kotba oħra—iżda għal Alla biss. Din il-verità nfisha tikkontribwixxi ħafna għad-distinzjoni tal-knisja ta' Kristu. F'Efesin 3:21 aħna nitgħallmu li Alla Hu gglorifikat fil-knisja kemm issa u għal l-eternità. Għalhekk, dan l-istudju hu tassew li ma jistax ikun imxebbaħ ma' xi studju ieħor. Teżisti llum il-knisja ta' Kristu? Xi wħud jemmnu li hu impossibbli li tidduplika fuq l-art f'dan is-seklu l-knisja li aħna naqraw dwarha fil-Bibbja. Innota, iżda, l-ispjega iebsa ta' Luqa 8:11:

"*Iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla.*"

Kull fejn nies illum jobdu l-Iskrittura bid-dieher, il-knisja ta' Kristu tkun teżisti. Jekk aħna nagħmlu dakli nies għamlu fl-ewwel seklu, taħt it-tagħlim ta' l-Iskrittura, aħna nkunu eżattament dak li huma kienu. Huma kienu biss Kristjani (Atti 11:26; 1 Pietru 4:16); huma kienu membri tal-knisja ta'Kristu (Rumani 16:16).

Skuża oħra ta' spiss tinstema' f'dan il-kliem: "Ħafna snin għaddew mit-twaqqif tal-Kristjanità pura. Il-perjodu tad-dlam intellettwali (mis-seklu ħamsa sas-seklu ħmistax) irriżulta fit-telfien tal-verità divina. Aħna ma nistgħux aktar inkunu sempliċiment Kristjani biss. Aħna rridu nkunu

membri ta' xi denominazzjoni llum." Eluf ta' eluf intrabtu ma' raġuni bħal din. Ilum aħna nsibu lil dawk li jsejħu lilhom infushom bħala Pro-testanti, Kattoliċi Rumani, Kattoliċi Griegi, Xhieda ta' Jehovah, Pente-kostali, Evanġeliċi, Battisti, Anglikani, Mormoni, u ħafna oħrajn bħalhom. Iżda huwa dan tassew u veru? Alla wiegħed li l-Kelma Tiegħu ma tirritornax vojta.

> "*Hekk tkun kelmti li toħroġ minn fommi; ma tarġax lejja vojta, iżda tagħmel dak li jogħġobni, u jkollha r-riżq f'dak li jien bgħattha*" (Isaija 55:11).

Alla wiegħed ukoll li l-Iskrittura ispirata tagħmel lill-bniedem spiritwal-ment komplut, perfett (2 Timotju 3:16-17). Allura din tiġi idea stramba li temmen illi Alla jippermetti lix-xitan li jirbaħ fuq il-verità divina biex b'hekk iħassar il-pjan tal-fidwa tal-bniedem. Fost dawk li jistqarru li jimxu wara l-Bibbja din il-pożizzjoni hi, fil-fatt, bla forza. Aħna nistgħu nkunu **llum** dak li **kienu** l-qaddejja ta' Ġesù għal aktar minn 1,900 sena ilu. Is-snin ta' bejn dan iż-żmien ma ħbewx il-qawwa ta' l-Evanġelju. Dan għadu xorta waħda l-istess messaġġ għas-salvazzjoni. L-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, igħidilna,

> "*Jiena ma nistħix mill-Evanġelju: għax l-Evanġelju hu qaw-wa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk li jemmnu…*" (Ru-mani 1:16).

Pawlu jgħid ukoll,

> "*Għal dan Alla sejħilkom permezz ta' l-Evanġelju tagħna, biex ikollkom sehem fil-glorja ta' Ġesù Kristu*" (2 Tessalo-nikin 2:14).

F'Ġuda 3 naqraw,

> "*Maħbubin, ħassejt ħerqa tassew kbira biex niktbilkom dwar is-salvazzjoni tagħna lkoll, għax rajt li kien meħtieġ nibgħa-tilkom kelmtejn ħalli nħeġġiġkom għal dik il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin.*"

Ħalli nuri n-natura ċara ta' dan kollu li qiegħed ngħid. Suppost li l-logħba tal-futbol tieqaf milli tkompi tintlagħab għal xi sekli. Jekk fis-sena 4000, raġel ikollu josserva bir-reqqa l-ktieb tar-regolamenti tal-futbol ta' din is-sena li aħna ninsabu fiha, hu jkun jista' jippreżenta lill-poplu taż-żmien tiegħu eżatament l-istess logħba li aħna nilgħabu llum. Il-qabża taż-żmien ma tistax tbiddel din il-ħaġa. U l-istess prinċipju japplika għall-Kristjaneżmu. Jekk aħna nobdu u ngħallmu u nipprattikaw dik ir-reliġjon murija fil-paġni tat-Testment il-Ġdid aħna nkunu membri tal-knisja ta' Kristu **biss**. La nkunu membri tal-Knisja Protestanta, la nkunu membri tal-

Knisja Kattolika Rumana, u lanqas ma nkunu membri ta' xi waħda mill-ħafna denominazzjonjiet li jeżistu llum. Aħna nkunu **biss** membri ta' dik il-knisja li Sidna Ġesù Kristu qal li kien se jibni f'Mattew 16:18, jiġi-fieri, il-knisja Tiegħu! Iżda, kull tbegħid minnha jannulla t-talba tagħna. Issa, ħalli ninnutaw flimkien in-natura distinta tal-knisja murija fit-Test-ment il-Ġdid.

L-ewwelnett, il-knisja hi distinta *fl-attitudni tagħha lejn l-Iskrittura*. Mhux bħal ma jgħallmu xi knejjes oħra, aħna ma npoġġu assolutament ebda tifsir fit-tradizzjoni orali jew dommi ta' papiet, jew xi interpretazz-jonijiet minn xi kwaritieri ġenerali bħat-Torri ta' l-Għassa, eċċ. Ħafna passaġġi fl-Iskrittura jfakkruna dwar il-bluha li tagħmel dan. Ħalli nagħmel riferenza għal tliet versi minn dawn.

1. **Kolossin 2:8,**

   "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieqi u fieragħ sknd dak li hu ġej mill-bnedmin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.*"

2. **Mark 7:9,**

   "*Ħelu ħelu ġġibu fix-xejn il-kmandamenti ta' Alla biex tħarsu t-tradizzjonijiet tagħkom.*"

3. **Mattew 28:18,**

   "*Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħata l-awtorità kollha fis-sema u fl-art.*"

Iva, Kristu għandu l-awtorità, is-setgħa kollha fuq l-art kif ukoll fis-sema. Hu jmexxina permezz tal-Kelma Tiegħu—mhux permezz ta' xi bniedem prominenti li hu mpoġġi bħala ras tal-knijsa jew president tal-knisja, jew ta' xi grupp ta' nies. It-tradizzjonijiet tal-bnedmin għandhom jiġu mwarrba fil-ġenb jekk aħna rridu nobdu "*l-liġi perfetta tal-ħelsin*" li dwarha naqraw f'Ġakbu 1:25. L-attitudni tal-knejjes ta' Kristu lejn il-Bibbja, (u li xi kultant niġu kkritikati minn dawk li ma jaqblux magħna dwar dan) hija miġbura fl-istqarrija familjari:

> "Aħna nitkellmu fejn il-Bibbja titkellem u nibqgħu siekta fejn il-Bibbja hi siekta."

Xi żmien ilu, fis-sezzjoni dwar r-Religjon, il-perjodiku *Time* sejjaħ lill-membri tal-knisja ta' Kristu "l-aktar marbuta mal-Bibbja mir-reliġjonijiet kollha." Aħna naċċettaw dan bħala kumpliment għaliex jaqbel ma' żewġ versi sbieħ:

1. **Ġakbu 1:21,**

*"Ilqgħu bil-ħlewwa l-kelma mħawla fikom, li tista' ssalval-kom ruħkom."*

2. **Atti 20:32,**

   *"U issa jnitlaqhom f'idejn Alla u l-kelma tal-grazzja tiegħu, dik il-klema li għandha l-qawwa li tibnbikom u tagħtikom sehemkom fost dawk li huma kkonsagrati lilu."*

Verament, aħna nemmnu li l-Iskrittura Mqaddsa hija "*dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba*" (2 Pietru 1:3). Għalhekk, l-Iskrittura biss tista' thejjina għal kull ħidma tajba u tagħmilna perfetti f'għajnejn Alla (2 Timotju 3:16-17). Għalhekk, aħna m'għandniex bżonn xi tagħlim ieħor tal-bniedem, xi rivelazzjonijiet oħra jew konċilji ekumeniċi. Ma hemm xejn fil-Kristjaneżmu sabiex tivvota dwaru. Kien kollox irrivelat mis-Smewwiet fil-bidu tal-knisja. Il-biċċa xogħol tagħna hjija li naċċettaw u nobdu u npoġġu r-rieda tagħna għall-Kelma ta' Alla! Din l-attitudni lejn il-Bibbja Mqaddsa tagħmel il-knisja ta' Kristu distinta tassew. Meta xi teorija ġdida tqum fost l-għaqdiet reliġjużi aħna nikkonkludu li "jekk din hija veru din mhix ġdida u jekk din hija ġdida allura din mhix tassew." Ladarba aħna sejrin inkunu *ġġudikati* f'jum skond l-iskrittura Mqaddsa (Ġwanni 12:48; Rumani 2:16), aħna kuntenti li nkunu ggwidati biha biss illum. Għaliex:

*"jekk xi ħadd jitkellem, dan għandu jippriedka l-kelma ta' Alla* " (1 Pietru 4:11).

Attitudni bħal din iġġiegħlna nużaw mużika vokali fil-qima tagħna lil Alla. Kristu, il-Mejatur uniku tat-Testment il-Ġdid (Lhud 9:15), igħidilna biex inkantaw u ngħannu minn qalbna (Kolossin 3:16; Efesin 5:19). Dan li aħn anagħmlu llum! L-istorja tgħidilna li l-Papa Vitaljan tas-seklu sebgħa kien għal l-ewwel darba introduċa mużika strumentali fil-laqgħat tal-qima. Iżda ma kienx sal-ħdax-il seklu li dan kien ipprattikat b'mod ġenerali. (Tajjeb li taqra *CYCLOPAEDIA of Biblical, Theological, and Ecclesiastical LITERATURE*, Vol. VI, Music, III. Use of Instruments in the church, p. 759-762. *Riflessi*, Diċembru 1987, Vol 12, Nru. 10, Mużika fil-Liturġija, minn paġna 228, l-aktar taħt **Il-Polifanija** u **Strumenti mużikali**, paġna 230), u kienu ħafna li opponew għal dan. Iżda aħna, l-aktar li tinteressana hija l-veduta tal-Mulej. Din l-attitudni li l-Iskrittura hija biżżejjed għal kollox iġġiegħelna biex nosservaw l-Ikla tal-Mulej (tqarbin) f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa (Atti 20:7). Din ukoll tipproduċi kuntrarjetà għal termini ta' tifħir għall-bnedmin. Ġesù definittivament għallem li titli reliġjużi kienu kontra għal l-ispirtu Kristjan (Mattew 23:1-12). Kull Kristjan huwa membru tas-saċerdozju rjali (1 Pietru 2:9). L-attitudni tagħna lejn it-test sagru tirriżulta fit-tħollija barra ta' dottrini miż-

juda mill-bniedem matul is-sekli bħal tibxix għall-magħmudija tat-trabi, talb permezz ta' Marija u hekk imsejħa qaddisin, l-għad ta' żibeġ (rużarju), relikwi u statwi, "dnub oriġinali" u l-osservazzjoni ta' jiem imqaddsa (festi), purgatorju, eċċ. Għal passaġġi Bibliċi ċari fejn iċanfru bl-aħrax ħwejjeġ bħal dawn ħalli nsemmu xi ftit minn dawn:

1. **Kolossin 2:12,**

   "*Indfintu miegħu bil-magħmudija u bih irxuxjtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet.*"

2. **Atti 8:12,**

   "*Meta mbagħad emmnu l-bxara t-tajba li Filippu kien ixandrilhom fuq is-saltna ta' Alla u fuq l-isem ta' Ġesù Kristu, tgħammdu, kemm l-irġiel u kemm in-nisa.*"

3. **1 Timotju 2:5,**

   "*Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem Kristu Ġesù.*"

4. **2 Ġwanni 9,**

   "*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih.*"

5. **Atti 17:29,**

   "*Mela ladarba aħna nisel ta' Alla, ma għandniex naħsbu li hu jixbaħ lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar, qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem.*"

6. **Galatin 4:9-11,**

   "*Issa lil Alla tafuh, jew aħjar, Alla jafkom; mela, kif erġajtu lura lejn l-elementi bla saħħa u bla siwi, u tridu terġgħu taqduhom biex tħarsu l-jiem, ix-xhur, l-istaġuni u s-snin? Qiegħed nibża' li t-taħbit li tħabbatt għalikom kien kollu ta' xejn.*"

7. **Lhud 9:17, 18**

   "*Dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarhomx aktar. Issa fejn hemm il-maħfra tad-dnubiet, ma hemmx għalfejn issir aktar l-offerta għad-dnubiet.*" (Ara wkoll Lhud 8:12).

It-tieni, il-knisja ta' Kristu hija distinta minħabba l-enfasi tagħha. L-isforzi ta' dan il-grupp mhux denominazzjonali mhumiex imberbqa fi stat soċjali u politiku. Fi kliem ieħor, aħna nippruvaw inqawwu l-bżonnijiet spiritwali tal-poplu minfolk ix-xewqa materjalistika. It-Testment it-Ġdid

biċ-ċar jikkonferma li s-Saltna ta' Alla, il-knisja ta' Kristu mhijiex taħlita ta' knisja u stat. Il-Mulej tagħna jgħid,

> "*Is-saltna tiegħi mhijiex ta' din id-dinja. Li kieku saltnati kienet ta' din id-dinja, il-għases tiegħi kienu jiġġieldu biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud; imma tabilħaqq saltnati* ***mhijiex ta' hawn***" (Ġwanni 18:36; enfasi tiegħi).

Ukoll naqraw,

> "*Qalulu: "Ta' Ċesari!" Imbagħad qalilhom: Mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla*" (Mattew 2:21).

Illum jidher biċ-ċar li ħafna għaqdiet reliġjużi jipprovdu għall-mogħdija taż-żmien għall-membri tagħhom minflok ma jipprovdu l-messaġġ għas-salvazzjoni li tant hemm bżonnu. Xi wħud jipparagunaw bini mżejjen u lussuż mas-suċċess fil-Kristjaneżmu. Iżda aħna naqraw f'Atti 17 li "*Alla ma joqgħodx f'tempji magħduma b'iden il-bnedmin.*" Jekk il-knejjes kollha jibdew jippriedaw Kristjanità tat-Testment il-Ġdid u jħallu n-negozju ta' ħwejjeġ oħra għal dawk li għandhom il-liċenzja biex jipprovdu ħwejjeġ bħal dawn, ikun progress li jidher. Meta kongregazzjonijiet jimxu wara l-pjan tas-Salvatur biex jiffinanzjaw ix-xogħol tal-knisja, imbagħad ma jkunx hemm bżonn għall-bażaar, lotteriji, eċċ. Aħna naqraw dwar il-pjan tal-Mulej għall-fondi tal-knisja fl-Ewwel Korintin 16:1-2 u t-Tieni Korintin 9:6-7.

Il-knisja ta' Kristu tenfasizza ritorn u mhux riforma fir-reliġjon. Dan hu punt bażiku ta' differenza. Anke jekk Luteru kien bniedem qalbieni fi żmienu, iżda hu ressaq il-problema minn veduta difettuża. Ix-xewqa tiegħu kienet biex jirriforma l-knisja Kattolika Rumana. L-interess tagħna huwa li mmorru lura għall-Kristjaneżmu oriġinali. Ix-xewqa tagħna hija li mmorru 'l fuq minn Ruma u l-apostasija u lura lejn Ġerusalem u r-reliġjon li bdiet hemm fis-sena 33 W.K. Wieħed jista' jaqra dwar dan il-bidu tremend fil-Ktieb ta' Atti, kapitlu tnejn. F'dan ir-rigward aħna la aħna Kattoliċi u anqas Protestanti. Sempliċiment Kristjani biss! Il-knisja ta' Kristu taċċerta u tirrealizza li kull żball fir-reliġjon jiġi mnaddaf u l-verità kollha tkun onorata meta l-Kristjaneżmu ta' l-ewwel seklu jkun onorat fil-ħajja u fit-tagħlim. Ma hemmx appell ieħor fiż-żgur illum. L-interess tagħna qiegħed mhux f'Wesley, f'Joseph Smith, f'Campbell, f'Rutherford, Galvinu, W. Miller, Mrs. White, H. Armstrong, Mary B. Eddy, C. Russell, J. Smyth, Mohammed, Knox, Crammer, Enriku VIII, J. Thomas, jew xi ħadd ieħor, iżda fl-Evanġelju li ma jispiċċa qatt ta' l-Iben ta' Alla! Fil-Vanġelu ta' Ġwanni, kapitlu 8 u vers 32 aħna żgurati li "*l-verità teħlisna.*" Għalhekk, aħna nenfasizzaw riġettar komplet ta' rbit denominazz-

jonali u approvazzjoni sħiħa mill-qalb ta' dak li Ġesù Kristu u l-appostli Tiegħu rrivelaw fl-ewwel seklu. Meta nagħmlu dan aħna neliminaw l-iżbalji kollha "tal-Moviment tar-Riforma" u l-ħsieb kurrenti waqt li nżommu dik il-prattika tal-knisja tal-bidu. Żgur li **int** tista' tara l-għerf fl-**enfasi** tagħna. Din is-sejħa ma tagħti unur lil ebda persuna jew moviment. Hija tqim u tonora **biss** lil Sidna Ġesù Kristu. It-tniġġis ta' dottrini foloz li ħassru s-sekli minn mindu sar it-tlugħ ta' Kristu jista' kollu jiġi mħassar minn sforz onest u, ubbidjenti li tgħix f'armonija mat-tagħlim tal-Feddej tagħna fit-Testment il-Ġdid.

Jiena żgur li dawk li huma familjari mal-knisja ta' Kristu, jaħsbu li aħna nisfurzaw il-magħmudija wisq. Ħafna qaluli: "Intom tenfasizzaw id-dottrina ta' magħmudija fl-ilma u l-urġenza ta' ubbidjenza, għall-grad eċċezzjonali." Imma ħalli aħna nanalizzaw flimkien din il-kritika komuni. L-ewwel u qabel kollox, jekk il-Bibbja tgħallem li l-magħmudija hija meħtieġa għas-salvazzjoni, allura jkun diffiċli biex tenfasizza aktar l-importanza tagħha. F'Mark 16:16 il-Mulej tagħna għallem li twemmin **u** magħmudija jiġu **qabel** is-salvazzjoni. Il-Mulej ordna biex ikun mgħallem li:

> "*Min jemmen u jitgħammed, isalva, iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.*"

Jista' kliem ikun aktar ċar minn dan? Il-Mulej ma qalx, "min jemmen is-salva u mbagħad jitgħammed" kif igħallmu llum xi denominazzjonijiet bit-tagħlim żbaljat tagħhom ta' salvazzjoni "bil-fidi biss." Il-Mulej lanqas ma qal li "min jitgħammed isalva u wara jemmen" kif tgħallem il-Knisja Kattolika Rumana billi hija tgħammed lit-trabi li ma jistgħux jemmnu! Imma qal li "*min jemmen **u** jitgħammed isalva…*" Lest int li taċċetta dan il-kliem sempliċi tal-Mulej kif inhu mingħajr ebda bdil? F'Atti 22:16 Sawl ġie muri illi li ssejjaħ l-isem tal-Mulej jinvolvi l-magħmudija li "ta-ħsel jew tħoll id-dnubiet." F'Galatin 3:27 aħna nitgħallmu li l-unika triq li nkunu fi Kristu hija li nitgħammdu Fih. Għall-maħfra ta' dnubiethom il-Lhud kienu ordnati biex "*jindmu **u** jitgħammdu*" (Atti 2:38). Fid-dawl ta' dawn it-termini li jżarżru l-widnejn aħna għandna ta' sikwit ninnfurmaw lill-midinbin dwar id-dover tagħhom. Ċertament l-Evanġelisti fl-ewwel seklu kienu insistenti li jippriedkaw il-ħtieġa tal-magħmudija. F'Atti 8: 26-39 aħna naqraw dwar il-konverżjoni ta' teżorier famuż. Hu sema' priedka waħda biss dwar Kristu. Madankollu, fil-konklużjoni ta' dan id-diskors, it-teżorier talab li jkun mgħammed fi Kristu. Hemm fi triq im-warrba, Filippu, il-predikatur, għammed lir-raġel mill-Etjopja. Aħna nit-għallmu minn dan ir-rakkont ispirat illi meta l-Evanġelju ta' Kristu jkun mgħallem mingħajr ebda taħlit ta' xi tagħlim tal-bnedmin jew xi opinjonijiet tal-bnedmin, kif fil-fatt qiegħed jiġi mgħallem illum minn dawk li qegħdin

igħallmu salvazzjoni "bil-fidi biss," il-magħmudija hija mdaħħla bħala ħtieġa għas-salvazzjoni flimkien mal-fidi, indiema u stqar-rija. Semmiegħa onesti jobdu mmedjatament. F'Atti 16:25-34 aħna nsibu rakkont simili li huwa dwar għassies f'ħabs Ruman ġo Filippi. Hu kien pagan f'art pagana. Iżda wara li sema' lezzjoni importanti minn fomm l-appostlu Pawlu kien mgħammed, ukoll għalkemm kien nofs-il lejl! Ċertament, li dan ir-rakkont juri ċar ħafna li hemm **urġenza** f'din il-ħaġa, f'dan is-suġġett ta' ubbidjenza lejn Kristu. Kemm hu differenti dan mit-tagħlim ta' xi denominazzjonijiet moderni! Dan hu għaliex predikaturi fil-knisja ta' Kristu għandhom xi jgħidu dwar il-magħmudija. Naturalment, aħna wkoll inħabirku biex nagħtu enfasi xieraq lill-kmandamenti l-oħra kollha ta' Alla billi huma jappartienu lill-bnedmin kollha llum. Billi hawn tant tibdil dwar il-magħmudija, aħna, b'neċessità, għandna noffru ħafna ħin sabiex nikkumbattu dan is-suġġett u ma nħallu lil ħadd li jkun imqarraq b'tagħlim żbaljat. Il-Mulej jordna li "*Min jemmen **u** jitgħammed, isalva, iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" (Mark 16:16). Inkunu aħna qegħdin ngħallmu ħażin jekk ngħidu lill-persuna l-istess kliem li qal il-Mulej, jiġifieri, li "*min jemmen u jitgħammed isalva…*" li tkun tixtieq taf x'għandha tagħmel biex issalva? Jew qegħdin jagħmlu sewwa dawk li qegħdin jaqilbu l-kliem tal-Mulej billi lil dik il-persuna jgħidulha, "min jemmen isalva u jitgħammed…"? Jew igħallmu li "min jitgħammed (tar-bija) u temmen issalva"? Imma ħaġa ta' l-iskantament li ħafna nies qegħ-din jaċċettaw dak it-tagħlim falz u mhux il-kmand sempliċi tal-Mulej! Iżda aħna m'għandna għalfejn nagħmlu l-ebda apoloġija talli nippers-wadu n-nies biex jagħmlu r-rieda tal-Mulej (2 Korintin 5:11). L-għażla tiegħek hija waħda minn tlieta. L-ewwel, li tagħmel dak li jordna l-Mulej fil-Kelma Tiegħu, jiġifieri, li "*temmen **u** titgħammed, u ssalva.*" It-tieni, li tagħmel dak li jordnaw xi denominazzjonijiet, jiġifieri, li "temmen u ssalva u titgħammed." It-tielet, li tagħmel dak li tgħallem il-Knisja Katto-lika Rumana, jiġifieri, li "titgħammed u ssalva u temmen." Sempliċi daqs-hekk. M'għandek bżonn lil ħadd biex jiggwidak liema waħda int għandek tagħżel. It-tlieta huma sempliċi, imma waħda biss twasslek għas-salvazz-joni u l-ħajja ta' dejjem, dik li jordna l-Mulej. Imma isma' t-twissja li tagħtina l-Kelma ta' Alla dwar nies li qegħidn iqarrqu b'tagħlim differenti bħal dawn ta' fuq minn dak tal-Mulej:

> "*Tħallu 'l ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax min-ħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

Lest int li tkun diżubbidjenti għal dak li ordna l-Mulej billi tagħmel u taċċetta tagħlim differenti min Tiegħu? Ukoll twissina b'dan il-kliem il-Kelma ta' Alla:

> "*Araw li ħadd ma jħassarkom b'filosofija u qerq fieragħ, skond it-tagħlim tal-bnedmin, u skond l-elementi tad-dinja, u mhux skond Kristu*" (Kolossin 2:8).

Huwa t-tagħlim li ngħallmu aħna bħala l-knisja ta' Kristu li "*Min jemmen u jitgħammed…*" kliem fieragħ jew qerq fieragħ u tagħlim tal-bnedmin jew kliem ta' Kristu? Xi twieġeb int?

Fl-aħħarnett, il-knisja ta' Kristu hija distinta fl-iskop tagħha. F'Efesin 3:21 aħna nfurmati dwar l-iskop divin tal-Ġisem ta' Kristu. Pawlu jgħid,

> "*Lilu tingħata l-glorja fil-knisja, bi Kristu Ġesù, fiż-żminijiet kollha, għal dejjem ta' dejjem. Amen.*"

Dik ir-raġuni għall-eżistenza hija biex tigglorifika lil Alla. Kienet ix-xewqa tal-Missier, qabel mad-dinja bdiet, li xi darba jwaqqaf il-knisja bħala "*kolonna u pedament tal-verità*" (1 Timotju 3:15). Sabiex kongregazzjoni tagħti glorja lill-Ħallieq din għandha timxi wara l-pjan divin (Lhud 8:5-8) irrivelat fil-Bibbja Mqaddsa. Kull dottrina, kull ħaġa dwar il-qima jew proċedura dwar l-organizzazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq "*hekk igħid il-Mulej.*" Mistoqsija waħda xierqa jew addattata għalina biex inqisu hija: "Għandna raġuni Skritturali għal dak li nagħmlu fir-reliġjon? Qiegħed l-isem li nġibu, spiritwalment, fil-Bibbja? Jew, irridu aħna nsibuh fl-istorja sekulari? Dan jagħmel differenza. Sakemm il-fidi tagħna ma tkunx ġiet permezz tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla (Rumani 10:17) aħna qegħdin nimxu wara l-preċetti tal-bnedmin minflok il-mandatti ta' Ġesù Kristu! Il-knisja li aħna naqraw dwarha fit-Testment il-Ġdid kienet tigglorifika lil Alla billi kienet tgħallem l-Evanġelju (1 Timotju 4:16). Huma "*marru ma kullimkien ixandru l-kelma*" (Atti 8:4). Illum ħafna ministri reliġjużi jħallu l-Iskrittura Mqaddsa barra mill-priedki tagħhom u jibdluha ma' filosofiji tal-bnedmin. Dan il-mod ma jogħġobx lil Alla l-anqas ma jgħallem lill-popli. Il-knisja gglorifikat lil Alla fl-ewwel seklu billi kienet ħanina ma' oħrajn. Meta l-appostlu Pawlu kiteb lill-kongregazzjonijiet tal-Mulej f'Galazja hu qal,

> "*Mela dment li għandna ż-żmien ħa nagħmlu l-ġid ma' kulħadd, l-aktar ma' ħutna fil-fidi*" (Galatin 6:10).

Hekk ukoll, aħna nikkonkludu li permezz ta' l-evanġelizzazzjoni, tagħlim u tjieba l-knisja fi żmien l-appostli, igglorifikat lil Alla. Kristu waqqaf il-knisja Tiegħu għal l-ebda skop ieħor.

Aħna għandna bżonn immorru lura għall-pożizzjoni ideali li nħallu l-knisja tkun il-knisja. Edukaturi u politikanti jistgħu jmexxu l-iskejjel u l-gvernijiet. Il-provinċja tal-knisja ta' Kristu hija biex issalva l-erwieħ li qegħdin jintilfu fid-dnub. Ejjew nibdew issa nonoraw u napprezzaw il-pjan ta' Alla għaż-żminijiet—il-knisja distinta ta' Kristu.

**IPPREŻENTAT MINN:**

Knisja ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew idħol fil-website tagħna u għandek issib dak kollu li teħtieġ fuq kważi kull suġġett:
www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd – Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa – Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.

Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana fl'indirizz ta' fuq.